# DESKRIZZJONI TAT-TRAMUNTANA TA' MALTA
## skond Abela u Ciantar x'jgħidu fuq San Pawl il-Baħar

Minn P. Eugene Paul Teuma O.F.M. Conv.

F. Gianfrancesco Abela kien l-ewwel li ħażżeż id-deskrizzjoni tiegħu ta' Malta fil-folum: *Della Descrizione di Malta, isola nel Mediterraneo* fis-sena 1647. Meta għadda żmien ġmielu Gianantonio Ciantar reġa ppubblika x-xogħol ta' Abela u żied ħafna informazzjoni gdida f'żewġ volumi:

*Malta Illustrata*
*ovvero*
*Descrizione di Malta isola del Mare Siciliano e Adriatico*
*con le sue Antichità ed altre Notizie*

L-ewwel volum ġie ppublikat fl-1772. Dak li jgħidu fuq San Pawl il-Baħar mhux ħafna, biss hu miġbur f'kapitlu tawwali li jikkonċentra fuq il-parti abbandunata, jew disabitata ta' gżejjer Maltin, matul is-seklu sbatax u tmintax. San Pawl il-Baħar, u d-drawwiet tiegħu, bdew jiġu abitati biss lejn l-aħħar tas-seklu dsatax; lejn 1860-90.

Ir-reġjun diżabitat tat-Tramuntana ta' Malta kien jibda minn dak li llum nafuh bħala l-Victoria Lines: mill-*Cala della Madaliena (Qala tal-Madliena,* illum *Baħar iċ-Ċagħaq)* sal-ponta ta' *Ras el Raheb (Ras ir-Raħeb,* ħdejn il-*Baħrija).* Fid-deskrizzjoni tagħhom, sew Abela u sew Ciantar jitkellmu minn dan ir-reġjun b'mod globali; ma ninsewx li parti kbira minn dawn in-naħiet kienu jagħmlu parti mit-territorju tal-Mellieħa.

Fid-deskrizzjoni tiegħi ħa nieħu il-punt tat-tluq minn taħt il-Mosta u nibqa' sejjer sas-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa. Ħafna mill-postijiet għadhom magħrufa bl-istess isem, oħrajn ftit iktar diffiċli issibhom. Mhux il-postijiet kollha għandhom, jew kellhom it-tifsira li tagħhom Abela u Ciantar, biss il-pubblikazzjoni tagħhom għenet biex ġew imfakkra tradizzjonijiet u Folklor li kieku kien jintilef maż-żmien.

Wieħed jista' jsegwi d-dawra fuq il-mappa pprovduta minn Ciantar mal-volum tiegħu; din iġġib ħafna mill-ismijiet tal-postijiet u anke l-fortifikazzjonijiet tal-Kavallieri li kienu jinsabu nstallati madwar il-kosa kollha ta' Malta.

**Lista tal-Postijiet kif deskritta minn Abela-Ciantar:**

***Targia ta' S. Zaccari*** *(Tarġa ta' San Zakkarija);* deskritt bħala ġnien/għalqa fejn tinsab Knisja ddedikata lil San Zakkarija. Targia tfisser passaġġ minn post għoli għal wieħed iktar baxx.

***Uyed e Raas*** *(Wied ir-Raxx?);* wied il-biża' jew tad-dispjaċir.

Deskrizzjoni ta' l-artijiet magħrufa bħala tas-***Sebbiech*** *(Żebbiegħ)*

*Aayn Rihana* (*Għajn Riħana*), għajn ta' pjanta (mordella) li tikber fil-widien. Iżda jgħid li l-art hi llum tal-Knisja Kattidrali hu nxtrat minn għand il-Familja Abela fl-1615.

***Ben Varrath*** (*Bur Marrad*); iben il-werriet, fejn jidru l-fdalijiet tal-villa tal-glorjuż Isqof u Martri, San Publius, Prinċep tal-gżira. Illum l-art hi proprejetà tal-Prinċep (i.e. il-Gran Mastru)
Kumment fuq dak li jgħidu sew Abela u Ciantar, illum studjużi jaqblu li *Bur Marrad,* tfisser ukoll *Wied li jġib il-mard, Hemmiem.* Id-diversi widien li jagħtu għal ġo din l-art moxa kienu ħolqu marġ (marshland) marradi u inabitabbli. Dan ġie msoffi u mibdul f'art tajba għall-agrikoltura bil-ħolqien ta' kanali wesgħin u fondi tad-dranaġġ li jaqsmu l-moxa kollha, magħrufa lokalment bħala l-"ħajt", dawn ġew imħaffra aktarx fi żmien l-Ingliżi.

***Budak*** (?) Missier il-Hoss/Mużika. Mixtri mill-Gran Mastru Lascaris biex jiġi kkrejat Fond li minnu jinxtraw in-nitrati (*mineral misjub fil-ġebla Maltija li hih kien jiġi pproċessat il-porvli tal-kanuni. Abela jgħid li dak prodott minn ġebla Maltija kien ta' l-ifjen kwalità*) li bih kien isir il-porvli. Il-Gran Mastru Fr. Marcantonio Zondadari għaddieh bħala proprjetà sempliċi, lil Malti Giovanni Depiro.

***Ras el Hamria*** (*Ras il-Ħamrija*); xaqliba li fiha ħamrija ta' kulur aħmar, jikkonsisti f'żewġ għelieqi jew proprjetajiet.

***Uyed ed Aasel*** (*Wied il-Għasel*); Wied fejn hemm knisja ddedikata lil San Pawl, l-ewwel eremita.

***Targia del Nasiaro*** (*Targia tan-Naxxar*); minn fejn wieħed jinżel għal-parti *Occidentali (*illum ngħidulu t-Tramuntana (North) tal-gżira)* tal-Gżira.

***Contrada delle Saline nuove*** (*Is-Salini l-Ġodda*); dan l-isem, is-salini l-ġdida, jiddistingwi din l-arja minn dik tas-salini l-Qodma (*l-Għadira tal-Mellieħa*). Dawn is-salini jipprovdu kwantità kbira ta' melħ li jiġi esportat. Id-dħul imur fil-fondi tal-Gran Mastru.

Minn hawn ngħaddu lejn il-*Mellieħa,* li tinsab fil-Punent (għalina dejjem it-Tramuntana), l-aħħar parti disabitata tal-gżira.

***Ghallis*** (*l-Għallis*); trejqa u proprjetà b'dak l-isem.

***Uardija*** (*Wardija*); għolja li tħares fuq San Pawl il-Baħar, post imsemmi hekk għax minnu ssir l-għassa matul il-jum biex jiġu kkontrollati l-bajjiet.

Il-ġewwa minn dan il-punt wieħed isib dawn il-postijiet:

***Uyed cannotta*** (*Wied Qannotta*); wied mimli siġar tal-frott tajjeb u bnin.
*Kalaa tal-Abid* (*Qala ta' l-Għabid*) post ta' difiża naturali, tradizzjoni qadima tgħid li f'dan il-post numru ta' lsira nsara (*għabid bl-Arbi tfisser seftur, serv, ilsir*) sabu refuġju wara l-ħarba tagħhom. Imma wara xi ftit taż-żmien dawn kellhom imorru lura ghax ma baqalhomx ikel.

***Gebel el għzara*** (*Ġebel l-Għażara*); L-għolja tar-Rebħa. Ghzara hi l-għajta tas-suldati wara r-rebħa fuq il-kamp tal-battalja. Forsi tirreferi għar-rebħa ta' 1565 fuq it-Torok, meta l-insara ġrew wara it-Torok telliefa, waqt li dawn kienu qed jirtiraw mħarbtin lejn San Pawl

il-Baħar biex jinbarkaw fuq il-biċċiet tal-baħar li kienu jistennewhom hemm. Kif jgħid il-Kummentatur Bosio, iż-żgħażagħ Maltin urew ħila u kuraġġ waqt il-ġlied qalil.

***Buseudin*** *(Busewdin);* ifisser skond Abela Missier is-Suwed Nota: probabbli iktar ifisser wied jew qasma fil-blat mudlama u sewdinija.

***S. Brancato*** *(San?);* post ta' diversi ġonna/għelieqi mferxin, u xi siġar tal-frott.

***Puales*** *(Pwales);* Qala ta' San Pawl

***Bidenia*** *(Bidnija);* ġnien/għalqa

***Uyed Bufula*** *(Wied Bufula);* skond Ciantar Missier il-Fula

***Ghar Ghliem*** *(Għar-Għeliem),* l-għar tas-seftur, s-serv, jew ta' l-ilsir.

***Ta' Safsafa*** *(Ta' Safsafa);* tas-siġra tas-safsafa. Post fejn hemm għin ta' l-ilma ġieri, fejn xi darba forsi kien hemm siġar ta' dan it-tip.

***Uyed Oose el Hida*** *(?);* Wied il-bejta tal-Milvu (għasfur ta' dak l-isem)

***Giardino del Puales*** *(Ġnien il-Pwales);* post b'dan l-isem.

***Giardino di S. Martino*** *(Ġnien San Martin)*

***Ballot*** *(Il-Ballott);* għalqa żgħira b'dan l-isem.

***Aayn Ballut*** *(Għajn il-Ballut);* għajn ta' ilma msemmija għas-siġra tal-Ballut (oak, quercia)

***Ghazerna*** *(?)*

***Aayn l'Estas*** *(Għajn Astas);* għajn ta' l-ilma b'dak l-isem.

***Ginen ta' Ramla*** *(Il-Ġnien tar-Ramla)*

***Aayn Tuffieha*** *(Għajn Tuffieħa);* territorju tal-Prinċep (Gran Mastru), qabel kien fewdu. Tidher fauara; ilma li joħroġ b'saħħa kbira minn ġo l-art, tant li jaqbeż.

***Redum Sargi*** *(Rdum ta' Sarg);* preċipizzju

***Mizeb ed Rieh*** *(Miżieb ir-Riħ);* Kanal/Passaġġ ir-Riħ, magħruf hekk għax jaqbel ir-riħ. territorju tal-Katedral ta' San Pawl.

***Aayn Znuber*** *(Għajn Żnuber);* għajn is-siġra tal-Pin

***Aayn Targia*** *(Għajn it-Tarġa);* ġnien b'dak l-isem

***Giardino di Sbetta*** *(Ġnien Żbetta)*

***Ghajn el Nahlia*** *(Għajn in-Naħal);* wied in-naħal

***Salomone*** *(Selmun?)*: isem familja antika, illum proprejtà ta' Opra Pia: Monte della Redenzione degli Schiavi, li taħdem biex teħles ilsira mill-jasar tagħhom.

***Aayn tal-Calcara*** *(Għajn il-Kalkara);* Għajn ilfron tal-Ġir.

***Redum el Bies*** *(Rdum il-Bies);* post xagħri u mimli ġebel u blat fejn ibejjed il-bies, għasfur ta' dan l-isem.

***Redum el Rescau*** *(?);* art magħrufa hekk.

***Redum l'Askiak*** *(Rdum ashiak);* preċipizzju, Askiak bl-Arbli tfisser fjur selvaġġ ta' lewn ħamrani, poppy, jew papavero selvaggio.

***Aayn Zejtuna*** *(Għajn Żejtuna);* Għajn iż-żebbuġ. Territorju tal-Knisja Katidrali ta' San Pawl.

***Uyed S. Maria*** *(Wied Santa Maria);* fejn hemm il-knisja tal-Beata Verġni Maria, magħrufa bħala ta' *Melleha*...għar qadim ħafna, parroċċa. Tista' tara sinjali ta' slaleb imnaqqxa fil-blat...

***Giardino Rapa*** *(Ġnien Rapa);* kunjom ta' familja antika, illum propjetà tal-Monasteru ta' Santu Wistin fl-Imdina (Notabile)

***Giardino di Angaro*** *(Ġnien Angaraw);* post jismu hekk, fih għajn żgħira.

***Giardino di S. Nicola*** *(Ġnien San Nikola)*

***Ghar Butomna*** *(Għar Butomna);* għar b'dak l-isem

***Uyed l'Ancrief*** *(Wied Ancrief?);* tradott minn Ciantar bħala Wied il-ħaruf/ħrief

***Ueta fuq el Redum l'Esckiak*** *(Witta fuq l-Irdum ta' l-Iskjak);* il-wita art fuq l-irdum ta' l-istess isem, ġa msemmi qabel.

Fuq in-naħa ta' San Pawl il-Baħar, fuq il-mappa, jidhru wkoll xi postijiet oħra bħal:

***Ain Rasul u Fonte di S. Pablo*** *(Għajn Rażul);* Għajn ta' l-Appostlu, skond tradizzjoni din l-għin bdiet tnixxi b'miraklu ta' San Pawl Appostlu.

***Cala tal-Hazzenin*** *(Qala ta' l-Għażżenien);* daħla li fiha baħar baxx ħafna.

***T.S. Paolo*** *(Torri ta' San Pawl);* illum nafuh bħala it-Torri ta' Wignacourt

***S. Paolo*** *(Santwarju ta' San Pawl);* indikat fejn il-Gran Mastru Wignacourt kien rialloka dan is-Santwarju ddedikat għall-għarqa ta' San Pawl fuq xtutna.

***Bulebel*** *(Bulebel);* arja li tinsab bejn is-Santwarju ta' San Pawl u Buġibba

***T. di Elbene*** *(Torri ta' Elbene);* traċċi konsistenti fil-blat, viċin il-pjazza ta' Buġibba, għadhom juru fejn kienet tinstab din il-Batterija tal-kanuni.

***Budjubba*** *(Buġibba);* medda arta li tmur minn Bulebel sal Ponta tal-Qawra

***Kaura*** *(Qawra);* firxa ta' art mimlija blat aħrax

***T. dell'Universita'*** *(Torri ta' l-Universita');* L-Universita' kienet il-Gvern lokali li kien imexxi 'l gżiritna sal-miġja tal-Kavallieri. Nafuh bħala Fra Ben Tower.

Il-kitbiet ta' Abela u ta' Ciantar huma minjiera ta' informazzjoni, dwar siti arkejoloġiċi misjuba fi żmienhom, ta' leġġendi, u rakkonti dwar dak li rawu semgħu dawn iż-żewġ persunaġġi. Dak li għandna hawn hu biss *assaggio;* hu biss apprezzament żgħira ħafna ta' l-informazzjoni li ġabru. Għalhekk tajjeb li nibdew insiru nafuhom aħjar u napprezzaw il-wirt kbir kulturali, storiku u arkejoloġiku li għandna f'dawn l-inħawi u f'dawn il-gżejjer tagħna.